MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru. 1071/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**KONTRA**

**SHAUN THEUMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Shaun Theuma ta’ 29 sena, bin Alfred u Carmen nee’ Scicluna, mwieled 11 ta’ Jannar 1979, Pieta, residenti f’ Giegu t- Torri l- Abjad l- Ahrax tal- Mellieha u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 500279(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, nhar is- 7 ta’ Awwissu 2009 gewwa l- Mellieha bejn is- 6.00am u l- 10.00am, volontarjament haqar animal domestiku (kelb) billi ghadda minn fuqu b’ karozza u b’ hekk kien kawza ta’ ugiegh u/ jew mohqrija.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodott rrisulta li l-imputat, fid-data u lok u hin indikati, kien qed isuq il-vettura tieghu u laqat kelb proprjeta’ ta’ Francis Micallef, bil-konsegwenza li l-kelb sofra griehi serji izda ma mietx. L-imputat ma jinnegax dan il-fatt, izda l-anqas jammetti jew jirrikonoxxi li ghamel hekk. Il-Prosekuzzjoni resqet xhieda okulari li raw dan l-incident, u ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex dubju li kien l-istess imputat li bil-vettura tieghu tajjar il-kelb in kwistjoni. Kemm fix-xiehda tieghu kif ukoll fl-istqarrija, l-imputat ighid li hu ma rax il-kelb, izda jghid ukoll li l-kelb bil-fors kien bla cinga jekk kien f’nofs it-triq. Dan juri li l-imputat qed jipprova jahrab mill-htija billi jkun evaziv fir-risposti tieghu. Ghalhekk ser jinstab hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u kwantu ghall-piena, il-Qorti sejra tikkundannah multa entro l-parametri tal-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 8(2) u 45 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ elfejn ewro (€2,000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------